# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 1669/93 JF**

**Nazzareno Borg**

**vs**

**George Catania**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li bis-sahha ta' skrittura tad-9 ta' Lulju 1993 (Dok A) redatta quddiem in-Nutar John Debono, il-kontendenti ikkostitwew shubija bejniethom sabiex jigi gestit negozju tat-trobbija tat-tigieg u dan ghal zmien ghaxar snin b'effett mid-data imsemmija.

U premess li l-attur investa s-somma ta' Lm5,000 (hamest elef lira) fl-imsemmija shubija liema somma giet mghoddija lill-konvenut oltre li l-attur bena mahzen sabiex jintuza ghall-iskopijiet tal-istess shubija.

U premess li ricentement, il-konvenut unilateralment ittermina l-imsemmija shubija u gab ir-raguni li ma kienx qed ikun hemm qliegh minn negozju minnhom gestit.

U premess li l-imsemmija terminazzjoni da parte tal-konvenut saret in mala fede u in vjolazzjoni tad-drittijiet tal-attur.

U premess li oltre l-hlas tas-somma ta' Lm5,000 lill-konvenut, l-attur sofra danni minhabba l-agir tal-konvenut kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-terminazzjoni unilaterali tal-ishubija fuq imsemmija da parte tal-konvenut saret in mala fede u in vjolazzjoni tad-drittijiet tal-attur.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li bl-agir tieghu huwa kkawza danni lill-attur.

3. Tikkundannah jirrifondi s-somma ta' Lm5,000 lill-attur.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

5. Tikkundannah ihallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru 1993 tal-Mandat ta' Qbid numru 5021/93, tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar numru 5022/93 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 5023/93.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-agir tal-konvenut ma kienx in mala fede jew in vjolazzjoni tad-drittijiet tal-attur.

2. Illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni lejn l-attur.

3. Illi l-konvenut m'ghandhux jigi kkundannat jirrifondi flus investiti mill-attur fi shubija mal-konvenut, izda l-attur talvolta bhala sieheb fi shubija li giet xolta ghandu biss id-dritt li jitlob il-likwidazzjoni tal-assi tas-shubija wara li jithallsu l-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavits li gewipprezentati u semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta' skrittura privata – Dok A – in data tad-9 ta' Lulju 1993, il-kontendenti kkostitwew bejniethom shubija bl-iskop li jigi gestit negozju tat-trobbija tat-tigieg ghal zmien ghaxar snin b'effett mid-data tal-ftehim. Jirrizulta bhala fatt li dina l-ishubija ma baqghetx fis-sehh. Tant hu hekk li l-konvenut ex admissis jistqarr li sa kien ftiehem ma' l-attur biex iroddlu lura l-pagament ta' Lm5,000 mahrug fil-bidu da parti ta' l-attur u kienu gja' marru l-Bank biex

isiru pagamenti permezz ta’ kambjali. Fil-fatt il-konvenut xehed hekk (fol. 91 et seq. tal-process) dwar dan:

> *“Jien kont diga’ mort il-Bank. Il-ktieb (sic) kienu tawh lili biex inhallashom jiena. Kont diga’ hallast zewg pagamenti”.*

Il-konvenut kompla jixhed li hu ma kompliex jithallas aktar billi l-attur ippretenda li hu jithallas f’daqqa l-ammont dovut, mentri skond il-konvenut il-ftehim milhuq kien (fol. 92)

> *“(Li) bil-patt li l-flus li hareg (l-attur) irrid inroddhomlu lura …..”*

Dejjem skond il-konvenut, kollox sar bla kitba. Il-konvenut pero’ ma pproduca l-ebda ricevuti jew kambjali in sostenn tal-pagamenti li suppost lahaq skonta u hallas lill-kontroparti.

Mill-provi jirrizulta li l-kontendenti jakkuzaw vicendevolment htijiet li waslu ghat-terminazzjoni tas-shubija. L-attur xehed li l-konvenut kien effettivament rabba u biegh numru ta’ tigieg lil terzi u mir-rikavat ried itih biss xi haga mizera – xi Lm140 – meta dan ma kienx jirrispekkja l-istat veru ta’ l-introjti. Il-konvenut jghid li l-attur kien negligenti fil-parti tax-xoghol li suppost kellu jaghmel – jigifieri dik li jaghlef it-tigieg – bir-rizultat

li t-tigieg baqghu mhux mitmughin tajjeb u bdew gejjin l-ilmenti min-naha tal-klijenti u tilef minnhom flok dahhal.

Il-Qorti ssib li l-verzjoni ta' l-attur hija ferm aktar attendibbli minn dik tal-konvenut. Dan ta' l-ahhar deher li ried "jigbed kollox ghalih" a skapitu ta' dak dovut lil siehbu. Bizzejjed jinghad li hu kien jistrieh fuq taghrif mghoddi lilu dwar l-allegat agir tal-attur u lanqas biss qatt hass li kellu jipprotesta tempestivament ma' l-attur – hu beda javvanza ragunijiet simili wara li l-attur talbu insistentement rendikont gust u fidil tal-gestjoni. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li kien hemm tassew mala fede da parti tal-konvenut li bdiet timmanifesta ruhha fil-kors tal-gestjoni ta' l-intrapriza tat-tigieg li wasslet biex is-shubija tintemm hesrem. Illi kwantu ghad-danni, jirrizulta li kulma qed jitlob l-attur hu r-rifuzjoni tal-kapital li hareg hu inizjalment – Lm5,000 oltre interessi minn meta gie inizjat il-ftehim u cjoe' interessi mid-9 ta' Lulju 1993. Dwar ir-rifuzjoni tal-kapital diga' intqal li effettivament il-konvenut stess gja' kien accetta li dan isir. Dwar id-danni pretizi – li skond l-attur huma cirkoskritti ghal imghaxijiet fuq il-kapital versat u xejn aktar, il-Qorti thoss li jkun aktar gust li, ghalkemm dawn huma certament gustifikati, dawn ghandhom pero' jibdew jiddekorru u jitqiesu b'effett mid-data ta' l-att tal-prezentata tac-citazzjoni, jigifieri mid-29 ta' Novembru 1993. Il-konvenut xehed li sofra xi telf li suppost kellu jitnaqqas mill-kapital pero' m'hu xejn konvincenti f'dak li xehed. Li kieku, inoltre, il-konvenut ressaq provi li lahaq hallas tassew xi

pagamenti akkont lura lill-attur, il-Qorti kienet tikkunsidrahom izda, kif gja' inghad, minn tali prova ma hemm xejn li gie sufficjentement ippruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u ghall-ammont mitlub, b'dana li ghal fini tar-raba' talba tillikwida dak l-ammont rizultanti per via ta' interessi legali mid-data tad-29 ta' Novembru 1993 sal-pagament effettiv fuq l-ammont dovut skond it-tielet talba (Lm5,000), u ghalhekk qeghda fl-ahharnett tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur dawna l-ammonti flimkien mal-kap ta' l-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md